— "Araw x'sibt!... sirna għonja...!
— "X'għandek f'idek?" staqsih missieru.
— "Ġawhra li sibt fi triq kbira tal-belt"......
— "Ġibha 'l hawn"......
— "Le, dik jien sibtha......, dik tiegħi...... int tmur tbiegħha biex tisker......"
— "Għedtlek ġibha 'l hawn!......
— "Le!!"...... u kif ra lil missieru jqum għalih, dlonk telaq jiġri, iżda billi l-bieb kien magħlul ma satax jaħrab u għal-hekk baqa' jiżgiċċa minn hawn għal hinn fil-kamra. Meta l-missier ra li ma jistax jaqbdu, ħassu jifga f'demmu, qabad flixkun li kien fuq il-mejda u tefgħu lil ibnu. Dan, milqut f'rasu, waqa' fl-art imgħargħar fid-demm. Missieru ġera għal fuqu, tbaxxa u ħadlu minn idu l-istilla ħamra li kien qed iżomm — il-ġawhra li kienet ser teħlishom mill-faqar! Mimli bil-ferħ, ir-raġel xegħel sulfarina biex jista' jara aħjar it-teżor li kellu f'idu, iżda wara li ħares sewwa lejn dik il-ħaġra ħamra minn fommu ħarġet dagħwa li tkexkex għax f'idu ma kellux ħaġ'oħra għajr ġugarell minn dawk li jdendlu ma' għonq it-tfal iktarx biex iżommu l-għajn ħażina 'l bogħod minnhom!

Jaħlef u jhedded refa' lit-tfajjel u qiegħdu bil-qiegħda, imma meta ħares sewwa lejn wiċċu, għajjat għajta li twaħħax għax għaraf li dik id-daqqa ta' flixkun kienet qatlet lil ibnu.

---

## NOTA TA' L-AMMINISTRAZZJONI

Infakkru lil dawk il-Membri Akkademiċi u lill-Imseħbin fi "Il-Malti" li għadhom ma bagħtux il-ħlas ta' l-abbonament tagħhom biex ma jitnikkrux iżjed jekk jixtiequ jibqgħu jieħdu r-Rivista tagħna.



## MARIJA REĠINA

*Ta'* ĠUŻE' CHETCUTI

*In te misericordia, in te pietate,*
*in te magnificenza, in te s'aduna*
*quantunque in creatura è di bontate.*

DANTE.

Għaddew bl-eluf is-snin w ismek, Madonna,
baqa' bħal dija jixgħel fil-qalb tagħna,
w hekk jibqa' għal dejjem, għax għal dejjem tibqa'
tas-sema u l-art Sultana.

Int omm u xebba. Inti ħaddant miegħek
fil-għar ta' Betlem lil Ġesù tarbija,
imma fil-glorja t'omm żammejt, bla mtebbgħa,
il-warda tax-xbubija.

Fraħt u batejt: f'siegħa ta' mrar u biża'
ħrabt għall-Eġittu mbiegħed ma' Ġesù,
u rajt żmien wara n-nies ma' l-art ixxerred
il-palm fejn rifes Hu.

Imma fuq l-għolja tal-Kalvarju rajtu
lil Kristu msallab u, għalkemm sogħbiena,
f'dak il-baħar ta' wġigħ lill-bniedem ħati
urejt imħabba w ħniena.

Il-lum, Madonna, dik l-imħabba kbira
kebbes fid-dinja, għax il-ġlied rebaħna,
u b'dawl ix-xemx tal-paċi erġa', Marija,
f'kull ħin, f'kull waqt ferraħna.

Ilqa' dit-talba f'dan il-jum ta' festa,
f'dal-jum ta' ferħ, Int omm l-iżjed ħanina:
kull żmien, kull ġens isejħu Lilek jibqgħu
ta' l-univers Reġina.

12. XI. 54.